**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, 14 ta' Gunju 2022**

**IL-PULIZIJA**

**VS**

**NIGEL DINGLI**

**(I.D. 151394(M))**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Nigel Dingli**, ta' 18-il sena, iben Innocent u Natalina *nee'* Psaila, imwieled tal-Pieta', nhar it-22 ta' Frar, 1994, u residenti gewwa *Ardizia*, Triq Gorg Mangion, l-Imqabba, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 151394M, senjatament akkuzat talli;

F'dawn il-gzejjer, fit-3 ta' Gunju, 2012, u matul is-sentejn ta' qabel din id-data;

1. Ikkoltiva l-pjanta *Cannabis*, u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (c), tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Biegh jew xort'ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Biegh jew xort'ohra ttraffika l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (e) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll;
5. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imputat sabiex ihallas lir-Registratur, l-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, nkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni *ai termini* tal-Artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat u semghet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta)[1], sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat id-digriet tal-assenjazzjonijiet ta' kawzi u doveri tal-Prim Imhallef tat-28 ta' Lulju 2021;

Rat l-ezenzjoni tal-partijiet ghall-ismigh mill-gdid tax-xhieda mismugha viva-voce minn dina l-Qorti diversament preseduta[2];

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

## Ikkunsidrat

Illi l-fatti fil-qosor hekk kif jirrizultaw mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrisalu lura ghat-3 ta' Gunju 2012. Dakinhar il-familjari tal-imputat irrapurtaw gewwa l-Ghassa taz-Zurrieq li fil-kamra tas-sodda tat-tifel taghhom sabu xi pjanti tal-Cannabis. In segwietu ghal din l-informazzjoni, l-pulizija marru jaghmlu tfittxija gewwa r-residenza msemmija 'Ardizia', Triq Gorg Mangion, gewwa l-Imqabba, fejn minn din it-tfittxija l-pulizija setghu jikkonstataw numru ta' pots b'tubu fuqhom. Il-pulizija li ghamlu t-tfittxija jixhdu li missier l-imputat kien stqarr maghhom li huwa tant irrabja meta ra dawn il-pjanti li kien qaccathom. Mix-xhieda tal-istess pulizija li ghamlu t-tfittxija jirrizulta ukoll li, skond dawk li

[1] Fol. 4 tal-atti processwali.
[2] Mghotija fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2021

stqarru maghhom il-genturi kien fuq il-post, dawn il-pjanti kienu fuq wara taht is-sodda b'tubu fuqhom. L-omm qaltilhom li kienet indunat bihom wara li ressqet is-sodda ghax rat id-dawl gej minn taht is-sodda hekk kif kienet dahlet biex taghmel xi hwejjeg. Il-pulizija kienet infurmat lill-Magistrat tal-Ghassa b'din ir-rizultanza li min-naha taghha kienet ordnat li ssir inkjesta magisterjali fejn gew mahtura numru ta' esperti. L-qua imputat kien gie arrestat u mehud il-kwartieri generali tal-pulizija ghall-izjed investigazzjonijiet. Hemmhekk huwa rrillaxxa stqarrija lill-pulizija.

Illi x-xjenzat Godwin Sammut li kien mahtur sabiex janalizza l-pots elevati mir-residenza tal-imputat jaghti deskrizzjoni tal-oggetti elevati fit-tieni pagna tar-rapport ipprezentat minnu fejn jiddikjara li l-envelope li gie mghoddi lilu kien fih seba' pjanti zghar. Dan huwa konformi mar-ritratti mehuda mill-ufficjali tax-xena tar-reati mahtura mill-Magistrati Inkwerenti[3]. Fil-konkluzzjoni tieghu, x-xjenza Sammut iddikjara:

> *"Li l-pjanti li kien hemm fil-fond hawn fuq imsemmi u li hemm fid-dokument 172_12_01 f'ammont nett totali ta' 0.28 grammi minghajr gheruq u zkuk, kienu dawk tal-Cannabis. Il-pjanta tal-kannabis hija kkontrollata bil-ligi taht it-Taqsima III tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-pjanta Kannabis ikun fiha s-sustanza Tetrahydrocannabinol, kif instab fid-dokument 172_12_01. Is-Sustanza Tetrahydrocannabinol hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta"*[4]

Illi mir-rapport ipprezentat minn Dr. Martin Bajada li kien inkarigat sabiex janalizza l-mobile tal-qua imputat, ma jirrizultax li nstabu xi messagi li esplicitament jistghu jkunu konnessi ma attivita' relatata mal-uzu u/jew traffikar ta' sustanzi illeciti.

Illi in difeza ghazel li jixhed minn jeddu l-qua imputat, Nigel Dingli. Fix-xhieda tieghu l-imputat jispjega li huwa ghandu l-kundizzjoni tal-ADHD u ghaldaqstant kien jaghmel uzu mis-sustanza cannabis – haxixa. Jispjega li meta ghalaq is-16-il sena kien ihossu differenti minn haddiehor u ghaldaqstant beda jiehu l-kannabis biex jikkallma. Jispjega li huwa kien isajjar l-ikel biha u anke kien ipejjipha permezz ta' pipa. Jghid li llum huwa waqaf mill-uzu tal-imsemmija sustanza tant li ghandu l-pipi dejjem nadifa. Fix-xhieda tieghu l-imputat qal li huwa kien ghadu qed jghix mal-genturi tieghu u li r-relazzjoni maghhom kienet wahda tajba hafna. Jghid ukoll li kien qed jattendi ghas-sessjonijiet mal-probation officer.

[3] Issir referenza ghal fol. 30 tal-atti tal-inkjesta magisterjali.
[4] Fol. 12 tal-atti tal-inkjesta magisterjali.

Rigward il-fatti koncernanti l-pjanti li nstabu fil-kamra tieghu huwa jghid li ma jiftakarx kemm sabu pjanti l-pulizija. Jghid li jekk kien ha jiehu minn dawn il-pjanti dan kien biss ghall-uzu personali tieghu. Madanakollu jispjega li mill-pjanti li kienu sabu l-pulizija huwa qatt ma kien ha ghax kienu ghadhom qed jikbru u kull ma kien ilhom hemm gimgha. Fir-rigward tal-pjanti mertu tal-kaz odjern, l-imputat jikkonferma bil-gurament li missieru tant kien irrabja meta sabhom li kien ghaffeg u qala' kollox. Mistoqsi jikkonferma li fl-istqarrija kien iddikjara li gieli kien kabar il-pjanti barra mid-dar, huwa ma jikkonfermax li qal hekk. Mistoqsi jikkonferma li huwa kien ibiegh kemm raza kif ukoll grass lil hbieb tieghu huwa jwiegeb "*imma trafficking by sharing, ezempju tigi inti tghidli ejja naqsmu*"[5]. Meta mitlub jispjega x'kien isir precizament huwa jispjega "*Ezempju jigi tali persuna jghidli ejja nixtru bicca ta' 20, ezempju…… kienu jigu hbieb tieghi u nixtru bicca u naqsmuha u noqghodu inpejjpu*"[6]. Mistoqsi mill-Qorti jekk kien ihallsuh taghha huwa jispjega: "Bil-fors hux". Jikkonferma huwa li gieli ha raza tal-Cannabis.

Gie prodott mid-difiza ukoll Innocent Dingli, missier il-qua imputat Nigel Dingli. Jispjega li dakinhar il-mara tieghu kienet sabet xi bottijiet fil-kamra tal-qua imputat (go cupboard wara s-sodda) u kienet nizlet tghidlu. Jghid li f'dawn il-bottijiet kien hemm xi pjanti. Jikkonferma li dak il-hin huwa tajjarhom u ghaffighom sforz ir-rabja u informa b'kollox lill-pulizija. Jghid li dak il-hin kienu gew il-pulizija u haduh maghhom. Jispjega li llum ir-relazzjoni ma ibnu hija wahda pozittiva. Jikkonferma li qed imur ghand il-probation officer.

Omm l-imputat, Natalina Dingli, hadet ukoll il-pedana tax-xhieda u spjegat li dakinhar kienet dahlet fil-kamra tal-qua imputat bil-ghan li ticcekja xi hwejjeg u kienet rat dawl taht is-sodda. Hija kienet marret ticcekja x'kien id-dawl. U wara li rat il-pots ghajtet lir-ragel taghha.

Illi kien hemm numru ta' xhieda ohra in difesa, fosthom: **(i) Probation Officer Marilyn Formosa** li tispjega li l-progress tal-imputat kien ikkategarizzat b'perjodi fejn l-imputat jaghmel progress notevoli, fejn imbaghad jghaddi minn perjodu kaotiku hafna u sussegwentament jerggha jipprova jistabbilixxi lilu nnifsu. Hija tispjega li wahda mill-isfidi principali tal-qua imputat hija dik li jieqaf jabbuza mid-droga Cannabis. Tispjega ukoll li fil-passat kien hemm sitwazzjonijiet fejn l-uzu tal-Cannabis kien ikbar u anke kien akkumpanjat b'uzu ta' sustanzi ohrajn. Madanakollu skond hi fil-prezent is-sitwazzjoni hija wahda ferm iktar stabbli. Tghid li kien ghamel perjodu jattendi s-Sedqa u imbaghad sessjonijiet ma Dr. Grech u fil-prezent qed jattendi sessjonijiet ma Dr. kevin Sammut Henwood li nbdew fuq bazi t' anger management. Fir-rigward tal-

[5] Fol. 100 tal-atti processwali.
[6] Fol. 101 tal-atti processwali

ADHD hija tispjega li kienu qed jesplora s-sitwazzjoni li l-imputat jistgha jbati minn din il-kundizzjoni madanakollu djagnosi ufficjali ma hijiex infurmata li harget; **(ii) Dr. Kevin Sammut Henwood** jispjega li huwa kien beda jsegwi lill-imputat fid-19 t'Ottubru 2015 bhala psikologu f'ambitu ta' problema sabiex jikkontrolla l-emozzjonijiet tieghu. Din il-problema kienet qed tikkawza inkwiet mal-genituri tieghu. Spjega li mid-djagnosi li ghamel huwa kien gie determinat li l-qua imputat kien qed ibati minn Narcisstic disorder u anti social behaviour; u **(iii) Dr. Andrew Agius** ikkoknferma li fl-14 ta' Frar 2019 huwa kien ra lill-imputat, analizza d-dokumenti rigwardanti l-fatt li l-qua imputat ibati minn ADHD u konsegwentament ghamillu application ghal medical cannabis.

## Kunsiderazzjonijiet dwar il-htija

Illi mill-atti processwali jirrizulta li mill-bidu tal-proceduri odjerni l-qua imputat ikkontesta l-istqarrija rrillaxata minnu. Dana sar fl-isfond fejn il-imputat kien qed jikkontendi li mhux minnu li huwa ha parir legali qabel l-interrogatorju hekk kif iddikjarat fl-istqarrija u mix-xhieda tal-prosekuzzjoni. Illi minn analizi tal-atti processwali ma jirrizulta l-ebda prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni. Fil-fatt ix-xhieda kollha li hadu l-pedana tax-xhieda kollha ikkonfermaw li l-qua imputat ha parir legali permezz tat-telefon u kien kellem lil Dr. Cedric Mifsud. Di piu' l-imputat innifsu fuq il-pedana tax-xhieda ma setghax jikkonferma li ma kienx minnu li hu ha parir legali qabel l-istqarrija[7]. Madanakollu din l-istqarrija ttiehdet fl-4 ta' Gunju 2012 meta l-ligi vigenti ma kinitx toffri l-possibilita' li l-imputat ikun legalment assistiet waqt it-tehid tal-isqarrija.

Mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm ragunijiet tajba li jzommu lill-imputat milli jkun assistiet permezz ta' avukat jew prokuratur legali waqt l-interogazzjoni. Fil-fatt mill-istqarrija pprezentata jirrizulta li l-qua imputat gie offrut id-dritt ghall-assistenza legali <u>qabel</u> (mhux waqt) l-interrogazzjoni u dana dejjem skond ma kienet il-ligi vigenti dak iz-zmien. Isegwi ghalhekk li probabilment l-unika raguni l-ghaliex l-imputat ma kienx mghejjun minn avukat waqt l-interrogazzjoni kienet l-ghaliex il-ligi vigenti dak iz-zmien ma kinitx tippermettieha. Dak iz-zmien li fiha ttiehdet l-istqarrija odjerna il-ligi kienet tippermetti biss li l-imputat jkun jista' jikkonsulta ma avukat qabel ma tittiehed l-istqarrija sa massimu ta' siegha. Id-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija gie ntrodott fil-Kodici Kriminali permezz ta' l-Att LI fit-28 ta' Novembru 2016.

Illi l-guriprudenza lokali ricenti fir-rigward tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju jidher li qed tistrieh fuq l-insenjament mghoti fil-kaz <u>**Beuze v il-**</u>

[7] Ara fol. 92 tal-atti processwali.

**Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, li kien jitratta ukoll sitwazzjoni fejn il-ligi domestika relevanti ma kinitx tippermetti l-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni u fejn ma kienx hemm ragunijiet impellenti ghalfejn ma tigiex offruta l-assistenza tal-avukat. F'dan il-pronunzjament intqal:

> *"120. The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see Ibrahim and Others, ... § 250). The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings ... ... ... "*
>
> *121. As the Court has found on numerous occasions, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings. ... ... ... "*
>
> *... ... ... "139. The stages of the analysis as set out in the Salduz judgment – first looking at whether or not there were compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, then examining the overall fairness of the proceedings – have been followed by Chambers of the Court in cases concerning either statutory restrictions of a general and mandatory nature, or restrictions stemming from case- specific decisions taken by the competent authorities.*
>
> *"140. In a number of cases, which all concerned Turkey, the Court did not, however, address the question of compelling reasons, and neither did it examine the fairness of the proceedings, but found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention ... ... ... Nevertheless, in the majority of cases, the Court has opted for a less absolute approach and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form ... and sometimes in greater detail ...*
>
> *"141. Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in Ibrahim and Others the Court consolidated the principle established by the Salduz judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each of those stages and the relationship between them (see Ibrahim and Others, ... §§ 257 and 258-62).*
>
> *"144. In Ibrahim and Others the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see Ibrahim and Others, ... § 262). That latter point is of particular importance in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court's case-law on the right of access to a lawyer ... to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached. However, as can be seen from the Ibrahim and Others judgment, followed by the Simeonovi judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that Salduz had laid down an absolute rule of that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the Dayanan case and other judgments against Turkey.*
>
> *"145. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing*

*the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer*[8] *(see Ibrahim and Others, ... § 265).......*

*"147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention ... ... ...*

*"148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each case comply with the requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused.......*

*"150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, ... § 274, and Simeonovi, ... § 120):*

*"(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*"(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*"(c)whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*"(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*"(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*"(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*"(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*"(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter; "*

*(i)the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*"(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice".*

Fil-kaz odjern li jirrizulta huwa li l-qua imputat gie offrut u ghazel li jikkonsulta ma avukat qabel l-interrogatorju mill-pulizija izda ma kienx offrut id-dritt ghall-

[8] Emfazi ta' dina l-Qorti

assistenza legali waqt l-istqarrija. Dak iz-zmien il-qua imputat kellu biss l-eta' ta' tmintax-il sena b'fedina penali li dak iz-zmien kienet ghada wahda netta. L-istqarrija ttiehdet ukoll f'ambitu fejn il-genituri stess tal-imputat kienu rrapurtaw lill-istess imputat. Minn qari tal-istess stqarrija kjarament jirrizulta li l-qua imputat inkrimina lilu nnifsu mhux biss fir-rigward tal-pjanti misjuba fir-residenza tieghu izda ukoll ghal numru ta' reati ohra. Din il-Qorti tinnota ukoll li d-dikjarazzjonijiet inkriminanti li saru mill-qua imputat fl-imsemmija stqarrija kienu f'istanzi generali ferm minghajr ma gew mghotija bizzjjed dettalji bil-ghan li jigu kkonfermati l-parametri mghotija fl-imputazzjonijiet partikolarment b'referenza ghaz-zmien.

Ghaldaqstant dina l-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tal-provi migbura u l-gurisprudenza relatata mal-valur probatorju li hija ghandha taghti l-istqarrija mehuda f'cirkostanzi simili ghal dawk tal-kaz odjern, partikolarment il-fatturi stabbiliti sabiex isir l-analizi tal-*overall fairness* tal-proceduri, ma thossx li jkun opportun li tistrieh interament fuq l-istqarrija sabiex tistabillixi r-reita o meno tal-imputat ghall-imputazzjonijiet odjerni.

Isegwi ghalhekk li ghar-ragunijiet suesposti u fid-dawl tal-principju tal-*overall fairness,* dina l-Qorti ma hijiex ser tikkunsidra l-istqarrija rrillaxxata mill-imputat meta tigi sabiex tikkunsidra ir-reita' tieghu o meno ghall-imputazjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

Illi stabbilit dan, il-Qorti ser tghaddi sabiex tevalwa l-bqija tal-provi mressqa mill-prosekuzzjoni bil-ghan li tistabilixxi r-responsabilita' tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

**i. Koltivazzjoni tal-pjanta Cannabis (imputazzjoni 1)**

Illi mill-provi mressqa jirrizulta car li l-omm l-imputat sabet seba' pjanti suspettata cannabis taht is-sodda tal-qua imputat. Dawn gew kollha elevati mill-pulizija wara rapport li sar mill-genituri tal-istess imputat. L-ispizjar ikkonferma li dawn effettivament kienu pjanti cannabis. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-qua imputat ikkonferma li l-imsemmija pjanti kienu tieghu u li kien qed ikabbarhom ghall-uzu personali tieghu. Ghaldaqstant jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-qua imputat kien ikkoltiva s-seba' pjanti cannabis.

Illi r-reat suggett ta' din l-imputazzjoni kien soggett ghal diversi emendi li daħlu fis-seħħ fil-Kapitolu 101 u fil-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta f'dawn l-ahhar snin.

Fil-fatt fiż-żmien mertu ta' dan il-każ, il-koltivazzjoni tal-pjanta *cannabis* kienet meqjusa dejjem u f'kull ċirkostanza bħala li tammonta għal traffikar f'mediċina

perikoluża, u dan bis-saħħa tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101, kif viġenti dak iż-żmien, li allura kienet twassal għall-piena ta' priġunerija tassattiva.

Madanakollu, bis-saħħa tal-emendi ntrodotti mil-leġislatur permezz tal-Att IV tas-sena 2020, li daħal fis-seħħ fit-28 ta' Frar 2020, ġie emendat l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u ġie mħassar ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qabel dawn l-emendi, l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta kien jgħid hekk:

> *Persuna li tinstab ħatja ta' koltivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantita` żgħira li ma taqbiżx pjanta waħda, f'ċirkostanzi fejn il-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni kienet għall-użu personali m'għandhiex tkun soġġetta għal terminu mandatorju ta' priġunerija u m'għandhiex tkun soġġetta għall-esklużjoni tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation jew ta' sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija previsti fil-liġijiet dwar id-droga.*

Kif ingħad, dan l-artikolu llum ġie mħassar u minflok, l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, bis-saħħa tal-emendi ntrodotti jgħid hekk:

> *(1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta'informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza:*
>
> *Iżda fil-każ ta' koltivazzjoni jew importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik il-koltivazzjoni jew importazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation kif ukoll l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali ma jgħoddux.* [sottolinear tal-Qorti]

Konsegwentament illum hija biss dik il-koltivazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li ma kinitx għall-użu esklussiv tal-ħati, illi taqa' fid-definizzjoni ta' traffikar u tkun soggetta ghall-piena ta' priġunerija effettiva. Permezz tal-emendi ntrodotti bl-Att IV tas-sena 2020, fil-każijiet fejn il-koltivazzjoni tkun għall-użu esklussiv tal-ħati, il-piena hija dik prevvista fl-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, salv illi l-Qorti ma tistax tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* jew l-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali.

Jinghad ukoll li permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021, li daħal fis-seħħ nhar it-18 ta' Diċembru 2021, il-leġislatur introduċa disposizzjonijiet ġodda fil-liġi illi għal darb'oħra emendaw il-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Fost ohrajn, dawn l-emendi jistipulaw li llum l-att tal-koltivazzjoni sa erba' pjanti tal-*cannabis*, f'ċertu ċirkostanzi, m'għadux jammonta għal reat.

> *7. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra, il-koltivazzjoni sa erba' pjanti tad-droga kannabis, u l-pussess ta' mhux aktar minn ħamsin gramma ta' kannabis niexfa, għall-użu personali, minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena, fl-indirizz residenzjali li jidher fuq dokument uffiċjali li juri l-indirizz ta' residenza, bħal karta ta' identità jew dokument ieħor ta' identità, mhuwiex reat, u l-persuna ma għandhiex tkun soġġetta li tinżamm f'kustodja taħt arrest biss minħabba tali koltivazzjoni u pussess f'dak l-indirizz:*
>
> *Iżda:*
>
> *(a) tali koltivazzjoni ma għandhiex isseħħ fi spazju viżibbli mill-pubbliku;*
>
> *(b) il-Pulizija Eżekuttiva għandha f'kull każ taqbad il-kannabis niexfa li ssib fuq il-post biss jekk din tkun fl-eċċess ta' ħamsin gramma. Meta wara li ssir l-elevazzjoni tal-kannabis niexfa jirriżulta li ma jkunx hemm lok li jittieħdu proċeduri minħabba l-fatt illi l-ammont ta' kannabis elevat ikun fil-limiti ta' dak permess mil-liġi, il-Pulizija għandha tgħaddi l-kannabis maqbuda lil dik l-aġenzija jew awtorità pubblika oħra hekk kif il-Ministru responsabbli għall-ugwaljanza jista' b'ordni fil-Gazzetta jaħtar għal dan il-għan sabiex din tingħata lura lil sidha taħt dawk il-kondizzjonijiet illi dik l-aġenzija jew awtorità tista' tiffissa. Għandha tinżamm nota ta' dawn il-fatti:*
>
> *Iżda wkoll ma tkun tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Pulizija jekk wara li l-kannabis maqbuda tintiżen bi preċiżjoni jirriżulta illi din fil-fatt ma kinitx ta' kwantità li teċċedi l-ħamsin gramma.*
>
> *(2) Dan l-artikolu ma għandu bl-ebda mod jinftiehem li qiegħed jawtorizza l-koltivazzjoni ta' aktar minn erba' pjanti tal-pjanta tal-kannabis u dan irrispettivament min-numru ta' residenti fl-istess indirizz residenzjali u irrispettivament mir-razza ta' tali pjanti.*
>
> *(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu u tal-artikolu 7A, "kannabis niexfa" tfisser il-fjoritura niexfa u weraq niexef tal-pjanta tal-kannabis.*

Dan ifisser illi llum, l-att tal-koltivazzjoni sa erba' pjanti tal-kannabis m'għadux meqjus bħala reat kriminali sakemm jikkonkorru l-elementi li trid il-liġi fl-artikolu appena ċitat, inkluż illi tali koltivazzjoni tkun għall-użu personali tal-pussessur. Altrimenti jibqgħu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ċitat.

Stabbilit dan, jinghad li mill-provi mressqa fil-kaz odjern, huwa evidenti li mill-kamra tas-sodda tal-qua imputat gew elevati seba' pjanti. Konsegwentament l-artikolu 7 tal-Kap. 537 hawn fuq citat ma ghandux applikazzjoni ghal kaz odjern.

Konsegwentament jehtieg li l-Qorti tikkunsidra l-provi mressqa bil-ghan li jigi determinat jekk il-koltivazzjoni kienetx wahda ghall-uzu esklussiv tal-hati jew xort'ohra.

Illi indubbjament l-ammont seba' pjanti cannabis huwa wiehed sostanzjali li jaghti indikazzjoni ta' possibilita' ta' spacc. Madanakollu l-imsemmija pjanti kienu zghar hafna u minn analizzi ta' dawn is-seba' pjanti jirrizulta li flimkien kienu jikkontjenu biss 0.28 grammi cannabis (minghajr gheruq u zkuk). Dan l-ammont huwa definittivament indikattiva t'uzu personali. Jirrizulta ukoll li l-imsemmija pjanti nsabu fir-residenza tal-imputat, taht is-sodda tieghu. Minn analizi tal-mobile phone tal-qua imputat ma jirrizulta l-ebda messagg li jindika spacc. Illi fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti l-imputat jikkonferma bil-gurament li l-imsemmija pjanti kienu intizi biss ghall-uzu tieghu:

> ***Pros:*** *X'kont qed taghmel bil-pjanti allura?*
>
> ***Xhud:*** *Ghall-uzu personali tieghi. Ma niftakarx kemm kelli imma.*[9]

Madanakollu, jinghad ukoll li fix-xhieda tieghu l-imputat ikkonferma li precedentament ghal din is-sejba ta' pjanti, gieli ghadda xi raza jew pjanti tal-Cannabis lil hbieb tieghu.

Din il-Qorti hasbet fit-tul jekk dawn ic-cirkostanzi jwasslux ghall-konkluzzjoni li l-koltivazzjoni kienetx wahda ghall-uzu esklussiv tal-hati jew xort'ohra u dan sal-grad ta' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Illi l-unika zewgt cirkostanzi li jistghu possibilment jindikaw li din il-koltivazzjoni kienet wahda intiza ghall-ispacc huma l-fatt li kien hemm seba' pjanti kif ukoll il-fatt li fix-xhieda tieghu l-qua imputat indika li f'okkazzjonijiet ohra huwa kien ghadda droga lil hbieb tieghu. Illi fir-rigward tal-ahhar cirkostanza u cioe' l-fatt li fil-passat kien hemm drabi fejn huwa ghadda d-droga lil shabu din il-Qorti hija tal-fehma li dan wahdu ma jfissirx li necessarjament kellu l-intendiment li jitraffika cannabis kkoltivata permezz ta' dawn is-seba' pjanti in kwistjoni. Fir-rigward tas-seba' pjanti, ghalkemm huwa minnu li hekk kif inghad iktar 'il fuq l-ammont ta' pjanti jindika li fil-futur possibilment dawn setghu jkunu intizi ghat-traffikar, fil-mument li dawn gew elevati mill-pulizija kienu jikkontjenu biss 0.28 gramma weraq tal-cannabis li definitivament ma huwiex ammont li huwa indikattiv ta spacc. Din il-Qorti ma tistax tiddetermina din il-kwistjoni billi tippresumi kemm dawn il-pjanti kienu ser jikbru fil-futur izda necessarjament trid tistrieh fuq dak li jirrizulta mill-atti processwali. Ghaldaqstant sal-grad rikjest mil-ligi ta' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, dina l-Qorti, ma tista' qatt tkun sodisfatta li fil-mument tal-arrest dawn il-pjanti kienu intizi ghall-ispacc.

[9] Fol. 98 tal-atti processwali.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dak suespost maghduda mal-fatt li l-imsemmija sustanzi nstabu gor-residenza tal-qua imputat taht is-sodda tieghu, il-fatt li l-imputat kien juza b'mod abitwali l-istess sustanza (hekk kif anke jirrizulta mix-xhieda tal-istess imputat) kif ukoll tenut kont li ma nstab l-ebda messagg li huwa indikattiv ta' spacc dina l-Qorti hija tal-fehma li dina l-koltivazzjoni kienet wahda intiza ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

**ii. Traffikar tar-raza u pjanta Cannabis (imputazzjoni 2 u 3)**

Illi dawn l-imputazzjonijiet kienu jistriehu interament fuq l-istqarrija rrillaxata mill-qua imputat kif ukoll fuq ix-xhieda tal-imputat quddiem din il-Qorti. Illi galadarba dina l-Qorti ser tiskarta l-istqarrija tal-imputat mill-kunsiderazzjonijiet taghha dwar ir-reita o meno tal-imputat, l-unika prova rimanenti f'dan ir-rigward hija ix-xhieda tal-imputat. Illi fix-xhieda tieghu l-imputat jikkonferma li huwa gieli ghadda d-droga lil shabu bi hlas. Huwa jispjega li dan kien biss trafficking by sharing. Illi madanakollu minn qari tal-istess xhieda ma jirrizultawx bizzejjed dettalji sabiex il-qua imputat jinsab hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti partikolarment fil-parametru ta' zmien indikat fl-istess citazzjoni. Ghaldaqstant dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat minn dawn iz-zewgt imputazzjonijiet.

**iii. Pussess semplici tar-raza u tal-pjanta Cannabis (imputazzjoni 4 u 5)**

Illi mill-provi mressqa, inkluz mix-xhieda tal-imputat, jirrizulta li l-qua imputat kien jaghmel uzu tal-pjanta Cannabis u b'mod ferm iktar rari tar-raza tal-Cannabis. Illi t-testimonjanza tal-qua imputat hija niexfa mid-dettalji tal-uzu partikolarment tal-ammont. Minn imkien mill-atti ma jirrizulta li dan l-ammont kien jaqbez l-ammont ta' seba' grammi. Konsegwentament dawn l-imputazzjonijiet gew milquta bl-emendi introdotti f'Dicembru tas-sena 2021 senjatament permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021. Bis-sahha ta' dawn l-emendi l-artikolu 4A tal-Kap. 537 jistipula:

> *(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena <u>tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi</u>, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna, **<u>ma għandux jikkostitwixxi reat</u>**, u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejnhemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis*

Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma ghadux jigi hekk ikkunsidrat illum il-gurnata.

Illi l-artikolu 12 tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:

> *(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –*
> *(a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew lima tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;*

*(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;*
*(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew liġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;*
*(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk;*
*(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,*
*u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħujinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jewpiena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar majkunx għadda.*

Madanakollu ssir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-***Pulizija vs. Juanita Fenech*** nhar is-27 ta' Frar 2019 fejn gie ddikjarat:

*"Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ibbazati fuq l-artikolu 7 tal-Kovenzjoni Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti hija tal-fehma illi illum ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti bilfors trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza:*

> *"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."*

*Din il-posizzjoni ġiet riaffermata permezz tas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014.*

*Illi l-Professur Sir Anthony Mamo jidher li kien tal-fehma ukoll li f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-proċeduri jew l-effett provenjenti minnhom permezz tas-sentenza li tkun ingħatat, għandhom jieqfu.*

> *"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence".*

***B'hekk illum għalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proċeduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qiegħed jitqies illi huwa leżiv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**."* (emfazi ta' dina l-Qorti)

Fid-dawl ta' dan l-insenjament dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tiddikjara procediment estint fil-konfront tar-raba' u l-hames imputazzjoni.

### iv. Piena

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tiehu qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-eta' li l-qua imputat kellu dak iz-zmien. Il-Qorti ser tqis ukoll li l-fatti mertu tal-proceduri odjerni jirrisalu lura ghas-sena 2012. Madanakollu d-dewmien f'dan il-kaz huwa biss attribwibbli lill-qua imputat galadarba l-prosekuzzjoni ghalqet il-kaz taghha fl-ewwel erba' seduti filwaqt li d-difiza damet tminn snin sabiex ghalqet il-kaz taghha. Di piu' jinghad li minn analizi tal-fedina penali aggornata tal-imputat jirrizulta li nel frattemp (cioe' mill-bidu tal-proceduri odjerni sallum), il-fedina penali tal-qua imputat ima ghadiex wahda netta izda giet mizghuda b'numru ta' sentenzi ta' htija b'numru ta' reati konnessi ma droga izda mhux biss.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-mottivi u wara li rat l-artikoli 8(c), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Qorti qed issib lill-qua imputat Nigel Dingli hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu filwaqt li qed tilliberah mit-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu. Fir-rigward tar-raba' u l-hames imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu, qeghda tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni tal-imsemmija imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu tenut kont li dan ir-reat gie ormai abbrogat. Konsegwentament dina l-Qorti qed tikkundana lill-imputat ghall-hlas ta' multa ta' Eur. 1,000 li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali **tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (Eur. 100) fix-xahar**. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti qeghda ukoll tordna lill-hati sabiex ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ihallas lir-Registratur l-ammont ta' Eur. 515.45 rapprezentanti spejjez relatati mal-hatra t'esperti jew periti fil-proceduri odjerni.

Finalment, il-Qorti qeghda tordna ukoll d-distruzzjoni tad-droga, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur